Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 322/2014

tat-28 ta' Marzu 2014

li jimponi kundizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 95, 29.3.2014, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/328 tat-2 ta' Marzu 2015	L 58	50	3.3.2015

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 322/2014

tat-28 ta' Marzu 2014

li jimponi kundizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza tal-Unjoni xierqa għall-ikel u l-għalf importati minn pajjiż terz biex titħares is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u dan meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri individwalment.

(2) Wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima fil-11 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-livelli ta' radjonuklidi f'ċerti prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-Ġappun qabżu l-livelli ta' azzjoni fl-ikel applikabbli fil-Ġappun. Kontaminazzjoni bħal din tista' tkun ta' theddida għas-saħħa pubblika u tal-annimali fl-Unjoni u għalhekk ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2011 ([2]). Dak ir-Regolament ġie sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 961/2011 ([3]) li wara ġie sostitwit mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2012 ([4]). Dan tal-aħħar kien sostitwit mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2012 ([5]).

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2011 tal-25 ta' Marzu 2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-għalf u l-ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima (ĠU L 80, 26.3.2011, p. 5).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 961/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 297/2011 (ĠU L 252, 28.9.2011, p. 10).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2012 tad-29 ta' Marzu 2012 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 961/2011 (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 16).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 996/2012 tas-26 ta' Ottubru 2012 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' għalf u ikel li joriġina jew li ġej mill-Ġappun wara l-aċċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 284/2012 (ĠU L 299, 27.10.2012, p. 31).

▼B

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) No 996/2012 ġie emendat biex iqis l-iżvilupp tas-sitwazzjoni. Peress li l-implimentazzjoini tar- Regolament (UE) Nru 996/2012 japplika biss sal-31 ta' Marzu 2014 u sabiex jitqies l-iżvilupp ulterjuri tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġi adottat Regolament ġdid.

(4) Il-miżuri eżistenti ġew riveduti filwaqt li ġiet meqjusa aktar minn 85 000 dejta ta' okkorrenza dwar ir-radjuattività fl-għalf u l-ikel għajr iċ-ċanga u aktar minn 232 000 dejta ta' okkorrenza dwar ir-radjuattività fiċ-ċanga provduti mill-awtoritajiet Ġappuniżi li jikkonċernaw it-tielet staġun ta' tkabbir wara l-inċident.

(5) Minħabba li għadhom jinstabu livelli ta' radjuattività li mhumiex konformi jew li huma sinifikanti fl-ikel u l-għalf li joriġinaw fil-prefettura ta' Fukushima, huwa xieraq li jinżamm ir-rekwiżit eżistenti ta' teħid ta' kampjuni u analiżi qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-ikel u l-għalf kollu li joriġina f'dik il-prefettura. Madankollu, l-eżenzjonijiet ġenerali, bħal dawk għal xarbiet alkoħoliċi u kunsinni personali, għandhom ikomplu jiġu applikati b'rabta ma' tali ikel u għalf.

(6) Id-dejta ppreżentata mill-awtoritajiet Ġappuniżi tipprovdi evidenza li ma għadhiex meħtieġa li jkun meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-ikel u l-għalf li joriġinaw fil-prefetturi ta' Tokjo u Kanagawa dwar il-preżenza ta' radjuattività qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Min-naħa l-oħra minħabba s-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità f'ċerti pjanti selvaġġi li jittieklu li joriġinaw mill-prefetturi ta' Akita, Yamagata u Nagano, huwa xieraq li jinħtieġ teħid ta' kampjuni u analiżi ta' dawk il-pjanti selvaġġi li jittieklu li joriġinaw minn dawn il-prefetturi.

(7) Fir-rigward tal-prefetturi ta' Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Iwate u Chiba, huwa attwalment meħtieġ li jittieħdu kampjuni u jiġu analizzati l-faqqiegħ, it-te, il-prodotti tas-sajd, ċerti pjanti selvaġġi li jittieklu, ċerti ħxejjex, ċertu frott, ir-ross u l-fażola tas-sojja u l-prodotti pproċessati u dderivati minnhom qabel ma dawn jiġu impurtati lejn l-Unjoni. L-istess ħtiġiet japplikaw għal oġġetti tal-ikel komposti li fihom aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti. Id-dejta tal-okkorrenza tat-tielet staġun tat-tkabbir tipprovdi evidenza li għal għadd sinifikanti ta' dawk il-prodotti tal-għalf u tal-ikel, huwa xieraq li ma jkunux meħtieġa t-teħid ta' kampjuni u analiżi, qabel ma jiġu esportati lejn l-Unjoni.

(8) Id-dejta tal-okkorrenza mit-tielet staġun ta' tkabbir tipprovdi evidenza li huwa xieraq li jinżamm ir-rekwiżit għal teħid ta' kampjuni u analiżi, qabel ma jiġi esportat lejn l-Unjoni l-faqqiegħ li joriġina minn Shizuoka, Yamanashi, Nagano, Niigata u Aomori.

▼B

(9) Huwa xieraq li jiġu ppreżentati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament b'mod li jinġabru flimkien il-prefetturi li minnhom l-istess għalf u ikel irid jittieħed kampjun minnhom u għandhom jiġu analizzati qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(10) Te mit-tielet staġun ta' tkabbir ma nstabx li kien kkontaminat bir-radjuattività. Huwa għalhekk xieraq li ma jkunux meħtieġa teħid ta' kampjuni u analiżi ta' te, li joriġina miill-prefetturi għajr Fukushima, qabel ma jiġi esportat lejn l-Unjoni. Fil-prefettura ta' Fukushima, it-te hu prodott biss fi kwantitajiet żgħar u huwa maħsub għall-konsum lokali u mhux għall-esportazzjoni. Fil-każ xejn probabbli li te minn Fukushima huwa esportat lejn l-Unjoni, l-awtoritajiet Ġappuniżi pprovdew garanziji li l-konsenji rilevanti se jiġu kkampjunati u analizzati u akkumpanjati mid-dikjarazzjoni li jipprovdu prova illi l-kunsinna jkun ittieħed kampjun minnha u jkun ġie analizzat u nstab li hu skont il-livelli massimi applikabbli. Kunsinni ta' te li joriġinaw minn prefetturi għajr Fukushima għandhom normalment ikunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni li tgħid li t-te oriġina minn prefettura għajr Fukushima. Minħabba li te minn dawk il-prefetturi huwa regolarment esportat lejn l-Unjoni, dan jikkostitwixxi piż amministrattiv konsiderevoli. Meta jitqies li ma nstabx te kontaminat matul it-tielet staġun ta' tkabbir wara l-inċident, il-każ improbabbli li te jiġi esportat minn Fukushima u l-garanziji provduti mill-awtoritajiet Ġappuniżi, huwa xieraq li ma tkunx meħtieġa dikjarazzjoni tal-oriġini għal te li joriġina minn prefetturi għajr Fukushima, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

(11) Il-kontrolli mwettqa waqt l-importazzjoni juru li l-kundizzjonijiet speċjali stipulati mil-liġi tal-Unoni huma implimentati sew mill-awtoritajiet Ġappuniżi u ma kienx hemm nuqqas ta' konformità għal aktar minn sentejn. Għalhekk, huwa xieraq li titnaqqas il-frekwenza tal-kontrolli ulterjuri fl-importazzjoni.

(12) Huwa xieraq li tiġi prevista reviżjoni li jmiss tad-dispożizzjonijiet meta r-riżultati tat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi dwar il-preżenza tar-radjuattività tal-ikel u l-għalf tar-raba' staġun ta' tkabbir wara l-inċident jkunu disponibbli jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2015.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼B

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-għalf u l-ikel skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 ([1]) (minn hawn 'il quddiem "il-prodotti") li joriġinaw jew li ġejjin mill-Ġappun, bl-esklużjoni ta':

(a) il-prodotti li ħarġu mill-Ġappun qabel it-28 ta' Marzu 2011;

(b) il-prodotti li nħasdu u/jew li ġew ipproċessati qabel il-11 ta' Marzu 2011;

(c) xarbiet alkoħoliċi li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 2203 sa 2208;

(d) kunsinni personali tal-għalf u l-ikel li joriġinaw mill-annimali li huma koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 206/2009 ([2]);

(e) kunsinni personali tal-għalf u l-ikel ħlief dawk li joriġinaw mill-annimali li mhumiex kummerċjali u għal persuna naturali għal konsum u użu personali biss. F'każ ta' dubju, il-piż tal-provi huwa tar-riċevitur tal-kunsinna.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "miżuri tranżitorji previsti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża" tfisser il-miżuri tranżitorji adottati mill-awtoritajiet Ġappuniżi fl-24 ta' Frar 2012 fir-rigward tal-livelli massimi għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137 kif stipulati fl-Anness III.

(b) "kunsinna" tfisser kwantità ta' kwalunkwe għalf jew ikel li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tal-istess klassi jew deskrizzjoni, kopert mill-istess dokument/i, imwassal bl-istess mezzi ta' trasport u ġej mill-istess prefettura/i tal-Ġappun, fil-limiti stipulati mid-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

Artikolu 3

Importazzjoni fl-Unjoni

Prodotti jistgħu jiġu biss impurtati fl-Unjoni jekk huma konformi ma' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 206/2009 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-introduzzjoni fil-Komunità ta' kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 136/2004 (ĠU L 77, 24.3.2009, p. 1).

▼B

Artikolu 4

Livelli massimi taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137

1. Prodotti, ħlief għal dawk li jidhru fl-Anness III, għandhom jikkonformaw mal-livell massimu għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137 kif stipulat fl-Anness II.

2. Il-prodotti li jidhru fl-Anness III għandhom jikkonformaw mal-livell massimu għaċ-ċesju radjuattiv stipulat f'dak l-Aness.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni

1. Kull kunsinna ta' prodotti, bl-eċċezzjoni tat-te li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 0902, 2101 20 u 2202 90 10 li joriġina minn prefetturi għajr Fukushima, għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni valida imħejjija u ffirmata skont l-Artikolu 6.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tiċċertifika li l-prodotti jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Ġappun u

(b) tispeċifika jekk il-prodotti jaqgħux jew le taħt il-miżuri tranżitorji previsti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża.

3. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha wkoll tiċċertifika li:

(a) il-prodott inħasad u/jew ġie pproċessat qabel il-11 ta' Marzu 2011; jew

(b) il-prodott, ħlief il-faqqiegħ, il-koxjabura, remat il-bambù, nibt l-Aralja, u l-bracken li joriġinaw mill-prefetturi ta' Akita, Yamagata u Nagano u għajr il-faqqiegħ li joriġina mill-prefetturi ta' Yamanashi, Shizuoka, Niigata u Aomori, ikun joriġina u ġej minn prefettura ħlief dawk ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba u Iwate; jew

(c) il-prodott ikun joriġina u ġej minn Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba u Iwate iżda mhux elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament; jew

(d) il-prodott ikun ġej mill-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba, Iwate, Akita, Yamagata, Nagano, Yamanashi, Shizuoka, Niigata u Aamori, iżda ma jkunx joriġina minn waħda minn dawn il-prefetturi u ma jkunx ġie espost għar-radjuattività waqt it-tranżitu; jew

▼B

(e) meta l-prodott ikun faqqiegħ, koxjabura, remat il-bambù, nibt tal-Aralia u bracken li joriġinaw mill-prefetturi ta' Akita, Yamagata u Nagano jew faqqiegħ li joriġina mill-prefetturi ta' Yamanashi, Shizuoka Niigata u Aomori, jew prodott idderivat minnhom jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti, il-prodott ikollu miegħu rapport analitiku bir-riżultati tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi; jew

(f) meta l-prodott, elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, joriġina fil-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba u Iwate jew huwa prodott derivat minnhom jew jikkonċerna għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti, il-prodott huwa akkumpanjat minn rapport analitiku li jinkludi riżultati ta' teħid ta' kampjuni u analiżi. Il-lista ta' prodotti fl-Anness IV hija bla preġudizzju għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); jew

(g) meta l-oriġini tal-prodott jew tal-ingredjenti preżenti f'aktar minn 50 % mhuwiex magħruf, il-prodott huwa akkumpanjat minn rapport analitiku li jinkludi r-riżultati ta' teħid ta' kampjuni u analiżi.

4. Prodotti li nqabdu jew inħasdu mill-ibħra tal-kosta tal-prefetturi msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 3 għandhom ikunu koperti mid-dikjarazzjoni msemmija hemmhekk, irrispettivament minn fejn jinħattu l-art dawn il-prodotti.

Artikolu 6

Tfassil u ffirmar tad-dikjarazzjoni

1. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandha titfassal skont il-mudell stipulat fl-Anness I.

2. Għall-prodotti msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 5(3), id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata minn rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompetenti Ġappuniża jew minn rappreżentant awtorizzat ta' entità awtorizzata mill-awtorità kompetenti Ġappuniża taħt l-awtorità u s-sorveljanza tal-awtorità kompetenti Ġappuniża.

3. Għall-prodotti msemmija fil-punt minn (e) sa (g) tal-Artikolu 5(3), id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata minn rappreżentant awtorizzat tal-awtorità kompententi Ġappuniża u għandha tkun akkumpanjata minn rapport analitiku li jkun fih ir-riżultati tat-teħid tal-kampjuni u tal-analiżi.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.).

▼B

Artikolu 7

Identifikazzjoni

Kull kunsinna ta' prodotti għandha tkun identifikata permezz ta' kodiċi li għandu jkun indikat fuq id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), fuq ir-rapport analitiku msemmi fl-Artikolu 6(3), fuq iċ-ċertifikat sanitarju u fuq kwalunkwe dokumenti kummerċjali li jakkumpanjaw il-kunsinna.

Artikolu 8

Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u punt tad-dħul magħżul

Il-kunsinni ta' prodotti, ħlief dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE ([1]), li jiddaħħlu fl-Unjoni minn postazzjoni ta' spezzjoni ta' fuq il-fruntiera għandhom jiddaħħlu fl-Unjoni permezz ta' punt tad-dħul magħżul skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 ([2]) (minn hawn 'il quddiem – "il-punt tad-dħul magħżul")

Artikolu 9

Notifika minn qabel

▼M1

1. Il-kummerċjanti tal-ikel u tal-għalf jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom javżaw minn qabel il-wasla ta' kull konsenja ta' prodotti, bl-eċċezzjoni tat-te li joriġina minn prefetturi oħrajn barra Fukushima.

2. Biex jagħmlu dan, huma għandhom jimlew:

(a) għall-prodotti ta' oriġini mhux mill-annimali: Il-Parti I tad-Dokument Komuni tad-Dħul (DKD) imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, filwaqt li jirreferu għan-noti gwida tad-DKD stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 669/2009;

(b) għall-ikel u għalf ta' oriġini mill-annimali, inklużi l-prodotti tas-sajd, li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE: id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (DVKD) stabbilit fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 ([3]).

Id-dokument rispettiv għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul jew fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera, mill-inqas jumejn tax-xogħol qabel il-wasla fiżika tal-konsenja

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell ta' kontrolli uffiċjali fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 tat-22 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi proċeduri għal kontrolli veterinarji f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri tal-Komunità fuq prodotti importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11)

▼B

Artikolu 10

Kontrolli uffiċjali

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew tal-punt tad-dħul magħżul għandhom iwettqu:

(a) kontrolli tad-dokumenti fuq il-kunsinni kollha ta' prodotti u li huma meħtieġa li jkunu akkumpanjati bid-dikjarazzjoni msemmija fl- Artikolu 5;

(b) kontrolli tal-identità każwali u kontrolli fiżiċi każwali, inkluża analiżi laboratorja għall-preżenza ta' ċesju-134 u ċesju-137. Ir-riżultat analitiku għandu jkun disponibbli fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol.

2. Jekk ir-riżultat tal-analiżi tal-laboratorju jipprovdi evidenza li l-garanziji pprovduti fid-dikjarazzjoni huma foloz, id-dikjarazzjoni titqies bħala mhux valida u l-kunsinna tal-għalf u tal-ikel ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Spejjeż

L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 10 u kwalunkwe miżura li tittieħed wara li jkun hemm nuqqas ta' konformità, għandhom jitħallsu mill-operaturi tan-negozju tal-għalf u l-ikel.

▼M1

Artikolu 12

Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera

Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' kull konsenja ta' prodotti, minbarra dawk il-prodotti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 97/78/KE, li diġà huma rregolati bir-Regolament (KE) Nru 136/2004, għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni (fiżikament jew elettronikament) lill-awtoritajiet tad-dwana, mill-kummerċjant tal-għalf jew tal-ikel jew mir-rappreżentant tiegħu, ta' DKD mimli mill-awtorità kompetenti ladarba jkunu saru l-kontrolli uffiċjali kollha. L-awtoritajiet doganali għandhom jirrilaxxaw il-konsenja għaċ-ċirkolazzjoni libera biss jekk l-awtorità kompetenti tkun turi li taqbel ma' dan fil-kaxxa II.14 u tiffirma fil-kaxxa II.21 tad-DKD.

▼B

Artikolu 13

Prodotti li mhumiex konformi

Il-prodotti li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. It-tali prodotti għandhom jintremew b'mod sigur jew jintbagħtu lura lejn il-Ġappun.

▼B

Artikolu 14

Rapporti

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull tliet xhur permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Għalf u l-Ikel (RASFF) bir-riżultati analitiċi kollha miksuba. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat matul ix-xahar li jaħbat wara kull taqsima ta' tliet xhur fis-sena.

Artikolu 15

Rieżami

Dan ir-Regolament għandu jiġi rieżaminat qabel il-31 ta' Marzu 2015.

Artikolu 16

Dispożizzjoni ta' tranżizzjoni

B'deroga mill- Artikolu 3, il-prodotti jistgħu jiġu importati fl-Unjoni taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn ikunu konformi mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012 u

(b) ikunu telqu mill-Ġappun qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew telqu mill-Ġappun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament iżda qabel l-1 ta' Mejju 2014 u jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 996/2012 li nħarġet qabel l-1 ta' April 2014.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Dikjarazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni ta'

..... (Prodott u pajjiż ta' oriġini)

Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Lott ..... **Numru tad-Dikjarazzjoni** .....

Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 322/2014 li jimponi kundizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni tal-għalf u l-ikel li joriġinaw jew li ġejjin mill-Ġappun wara l-inċident fl-impjant nukleari ta' Fukushima, ...
.....
(ir-rappreżentant awtorizzat imsemmi fil-paragrafi 2 jew 3 tal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 322/2014)

JIDDIKJARA li l- .....
..... (prodotti msemmija fl-Artikolu 1)
ta' din il-kunsinna magħmula minn: .....
.....
..... (deskrizzjoni tal-kunsinna, prodott, numru u tip ta' pakketti, piż gross jew nett)
imbarkata fi .....
..... (il-post tal-imbarkazzjoni)
fi ..... (id-data tal-imbarkazzjoni)
minn ..... (identifikazzjoni tat-trasportatur)
lejn ..... (il-post u l-pajjiż ta' destinazzjoni)
li ġejja mill-istabbiliment .....
..... (isem u indirizz tal-istabbiliment)

hija konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Ġappun fir-rigward tal-livelli massimi għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137.

JIDDIKJARA li l-kunsinna tikkonċerna għalf jew ikel

☐ **li ma jaqax taħt il-miżuri ta' tranżizzjoni** stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża (ara l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 322/2014) fir-rigward tal-livell massimu għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137;

☐ **li jaqa' taħt il-miżuri ta' tranżizzjoni** stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża (ara l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 322/2014) fir-rigward tal-livell massimu għat-total taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137;

JIDDIKJATA li l-kunsinna tikkonċerna:

☐ għalf jew ikel li nħasad u/jew ġie pproċessat qabel il-11 ta' Marzu 2011;

☐ għalf jew ikel li joriġina u hu konsenjat minn prefettura għajr dawk ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba u Iwate, minbarra faqqiegħ, koxjabura, ir-rema tal-bambù, in-nibt tal-Aralia u bracken li joriġina mill-prefetturi ta' Akita, Yamagata u Nagano u għajr faqqiegħ li joriġina mill-prefetturi ta' Yamanashi, Shizuoka, Niigata u Aomori;

☐ għalf u ikel li ġejjin mill-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba, Iwate, Akita, Yamagata, Nagano, Yamanishi, Shizuoka, Niigata u Aamori, iżda li ma joriġinax minn waħda minn dawk il-prefetturi u li ma ġiex espost għal radjuattività waqt it-tranżitu;

☐ għalf u ikel mhux elenkat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 322/2014, li joriġinaw fi u ġejjin minn Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba u Iwate;

☐ koxjabura, ir-rema tal-bambù, bracken, in-nibt tal-Aralia jew faqqiegħ jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti, li joriġina fil-prefettura ta' Akita, Yamagata jew Nagano, u li ttieħdu kampjuni minnu fi ..... (date), subjected to laboratory analysis on ..... (date) in the ..... (name of laboratory), to determine the level of the radionuclides, caesium-134 and caesium-137. The analytical report is attached;

☐ mushrooms or a compound feed or food containing more than 50 % of those products, originating in Yamanashi, Shizuoka, Niigata or Aomori prefecture, and has been sampled on ..... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ..... (data) fil- ..... (isem il-laboratorju), biex jinstabu l-livelli ta' radjunuklidi, iċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

▼B

☐ faqqiegħ jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti, li joriġina mill-prefettura ta' Yamanashi, Shizuoka, Nigata jew Aomori u li ttieħdu kampjuni minnu fi ..... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ..... (data) fil- ..... (isem il-laboratorju), biex jinstabu l-livelli ta' radjunuklidi, iċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

☐ għalf u ikel elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 322/2014 jew għalf jew ikel kompost li fih aktar minn 50 % ta' dawk il-prodotti, li joriġinaw fil-prefetturi ta' Fukushima, Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba, u Iwate, u ttieħdu kampjuni minnhom fi ..... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ..... (data) fil- ..... (isem il-laboratorju), biex jiġi determinat il-livell ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż;

☐ għalf u ikel ta' oriġini mhux magħrufa jew li jinkludi aktar minn 50 % ta' ingredjent/i ta' oriġini mhux magħrufa u li ttieħdu kampjuni minnu fi ..... (data), soġġetti għal analiżi tal-laboratorju fi ..... (data) fil- ..... (isem il-laboratorju), biex jiġi determinat il-livell ta' radjunuklidi, ċesju-134 u ċesju-137. Ir-rapport analitiku huwa mehmuż.

Magħmul fi ..... fi .....

Timbru u firma tar-rappreżentant awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 6(2) jew (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 322/2014

▼B

ANNESS II

Livelli massimi għall-ikel (1) (Bq/kg) kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża

	Ikel għat-trabi u tfal żgħar	Ħalib u xarbiet abbażi tal-ħalib	Ikel ieħor bl-eċċezzjoni ta' — ilma minerali u xarbiet simili — te magħmul minn weraq mhux iffermentati	Ilma minerali u xarbiet simili u te magħmul weraq mhux iffermentati
Total ta' ċesju-134 u ċesju-137	50 (1)	50 (1)	100 (1)	10 (1)

(1) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-livelli massimi, applikati bħalissa fil-Ġappun, dawn il-valuri jissostittwixxu fuq bażi provviżorja l-valuri stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87

Livelli massimi għall-għalf (2) (Bq/kg) kif stipulat fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża

	Għalf maħsub għal bhejjem u żwiemel	Għalf maħsub għall-ħnieżer	Għalf maħsub għat-tjur	Għalf għall- ħut (1)
Total ta' ċesju-134 u ċesju-137	100 (2)	80 (2)	160 (2)	40 (2)

(1) Bl-eċċezzjoni ta' għalf għal ħut ornamentali.

(2) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-livelli massimi li bħalissa huma applikati fil-Ġappun, dan il-valur jissostitwixxi, fuq bażi provviżorja, il-valur stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 770/90 tad-29 ta' Marzu 1990 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78).

(1) Għal prodotti mniffxin li huma maħsuba biex jiġu kkunsmati fi stat rikostitwit, il-livell massimu japplika għall-prodott rikostitwit kif ikun lest għall-konsum.
Għal faqqiegħ imnixxef fattur ta' rikostruzzjoni ta' 5 huwa applikabbli.
Għat-te, il-livell massimu japplika għal infużjoni magħmula minn weraq tat-te. Il-fattur ta' proċessar għal te mnixxef huwa ta' 50, u għaldaqstant il-livell massimu ta' 500 Bq/kg fuq weraq tat-te mnixxfa jiżgura li l-livell fit-te ma jaqbiżx il-livell massimu ta' 10 Bq/kg.

(2) Il-livell massimu huwa relattiv għall-għalf li għandu kontenut ta' umdità ta' 12 %.

▼B

ANNESS III

Miżuri tranżitorji stipulati fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża u ta' applikazzjoni għal dan ir-Regolament

(a) Ħalib u prodotti magħmula mill-ħalib, ilma minerali u xarbiet simili li huma manifatturati u/jew ipproċessati qabel il-31 ta' Marzu 2012 ma għandhomx jinkludu aktar minn 200 Bq/kg ta' ċesju radjoattiv.

Ikel ieħor li huwa manifatturat u/jew ġie ipproċessat qabel il-31 ta' Marzu 2012 ma għandux jinkludi aktar minn 500 Bq/kg ta' ċesju radjoattiv, għajr:

— prodotti magħmula mir-ross;

— fażola tas-sojja u prodotti magħmula mill-fażola tas-sojja.

(b) Prodotti magħmula minn ross li huma manifatturati, u/jew proċessati qabel it-30 ta' Settembru 2012 ma għandhomx jinkludu aktar minn 500 Bq/kg ta' ċesju radjoattiv.

(c) Fażola tas-sojja li nħasdet u tqiegħdet fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2012 ma għandhomx jinkludu aktar minn 500 Bq/kg ta' ċesju radjuattiv.

(d) Prodotti magħmula minn fażola tas-sojja li huma manifatturati, u/jew proċessati qabel il-31 ta' Settembru 2012 ma għandhomx jinkludu aktar minn 500 Bq/kg ta' ċesju radjoattiv.

▼B

ANNESS IV

Għalf u ikel li qabel jiġu esportati lejn l-Unjoni, jeħtieġ jittieħdu kampjuni minnhom u jiġu analizzati għall-preżenza taċ-ċesju-134 u ċ-ċesju-137

(a) prodotti li joriġinaw fil-prefettura ta' Fukushima:

— il-prodotti kollha, filwaqt li jitqiesu l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-prodotti li joriġinaw fil-prefetturi ta' Akita, Yamagata u Nagano:

— il-faqqiegħ u l-prodotti pproċessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80;

— in-nibt tal-*Aralia* sp. u prodotti derivati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— ir-rema tal-bambù (*Phyllostacys pubescens*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90, 0712 90, 2004 90 u 2005 91;

— il-bracken (*Pteridium aquilinum*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— il-koxjabura (nibt l-*Eleuterococcus sciadophylloides)* u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

(c) prodotti li joriġinaw mill-prefetturi ta' Yamanashi, Shizuoka, Niigata jew Aomori:

— il-faqqiegħ u l-prodotti pproċessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80;

(d) prodotti li joriġinaw fil-prefetturi ta' Gunma, Ibaraki, Tochigi, Miyagi, Saitama, Chiba jew Iwate:

— il-faqqiegħ u l-prodotti pproċessati minnu li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0709 51, 0709 59, 0710 80 61, 0710 80 69, 0711 51 00, 0711 59, 0712 31, 0712 32, 0712 33, 0712 39, 2003 10, 2003 90 u 2005 99 80;

— ħut u prodotti tas-sajd li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 1504 10, 1504 20, 1604 u 1605 ħlief l-arzell li jaqa' fil-kodiċijiet NM 0307 21, 0307 29 u 1605 52 00;

— ross u prodotti derivati minnu li jaqgħu fi taħt il-kodiċi NM 1006, 1102 90 50, 1103 19 50, 1103 20 50, 1104 19 91, 1104 19 99, 1104 29 17, 1104 29 30, 1104 29 59, 1104 29 89, 1104 30 90, 1901, 1904 10 30, 1904 20 95, 1904 90 10 u 1905 90;

— fażola tas-sojja u prodotti derivati minnha li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1201 90, 1208 10, 1507;

▼B

— in-nibt tal-*Aralia* sp. u prodotti derivati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— ir-rema tal-bambù (*Phyllostacys pubescens*) u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90, 0712 90, 2004 90 u 2005 91;

— il-bracken (*Pteridium aquilinum*) u prodotti pproċessati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— fern irjali Ġappuniż (*Osmunda japonica*) u prodotti derivati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— il-koxjabura (nibt l-*Eleuterococcus sciadophylloides)* u prodotti pproċessati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— fern tan-nagħma (*Matteuccia struthioptheris*) u prodotti derivati minnha li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— uwabamisou (*Elatostoma umbellatum var. majus*) u prodotti derivati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 0709 99, 0710 80, 0711 90 u 0712 90;

— qamħ Saraċin u prodotti derivati minnu li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 1008 10 00, 1102 90 90, 1103 19 90, 1103 20 90, 1104 19 99, 1104 29 17, 1104 29 30, 1104 29 59, 1104 29 89, 1104 30 90, 1901, 1904 10 90, 1904 20 99, 1904 90 80 u 1905 90;

(e) prodotti komposti li jinkludu aktar minn 50 % tal-prodotti elenkati fil-punti minn (a) sa (d) ta' dan l-Anness.